**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 20/14AL

**A *sive* A B**

**vs.**

**C *sive* C D B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 419/1984)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur datat 30 ta' Jannar 2014 li permezz tiegħu l-attur ippremetta kif ġej:

*1. Premess illi ssir referenza ghar-raba' taqsima f' dan ir-Rikors Guramentat (Elenku ta' Dokumenti) fejn hemm Dokumenti Cosmic 1, Cosmic 3, u Cosmic 4 fejn permezz ta' Affidavit tar-Rikorrenti / Attur u*

[1] Fol. 1.

*tnejn minn tliet uliedu kollha maggorenni ghamlu Stqarrijiet Guramentati li fihom fissru ghala dan iz-zwieg tfarrak irremidjabilment, minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni, b'tortijiet unikament lill-Intimata / Konvenuta mart ir-Rikorrenti / Attur, li qegħda tghix hajja ta' adulterju u mmorali, abbandunat id-Dar Matrimonjali li hija proprjeta ta' l-Istat u mikrija f'isem ir-Rikorrenti / Attur, qegħda tirrisjedi f'indirizz apparti fil-mument ta' l-intavolar ta' din il-Kawza f'San Pawl il-Bahar, tahdem ma kumpanija li iktar dettalji dwarha u x' introjtu ddahhal l-Intimata / Konvenuta jigi mfisser fil-mori tal-kawza, u f' dawna c-cirkustanzi l-Intimata / Konvenuta permezz ta' dawna t-tliet Affidavits jirrizulta car li kisret manifestament ir-regolamenti kollha li suppost jigu osservati u rispettati f' hajja konjugali li ghall-Intimata / Konvenuta dawna ma jfissru xejn.*

*2. Premess illi ssir referenza ghad-dokument Cosmic 2 li huwa certifikat awtentikat taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti meta kien ghad kellhom rispettivament kwantu ghar-Rikorrenti tmintax-il sena u kwantu ghall-Intimata sbatax-il sena u dana nghaqdu fiz-zwieg fil-Knisja tal-Madonna tal-Herba gewwa Birkirkara nhar l-24 ta' Marzu, ta' l-1984, u c-certifikat taz-zwieg taghhom ghandu n-Numru ta' l-Iskrizzjoni 419 tas-26 ta' Marzu ta' l-1984, u dana skond id-dettalji li hemm fid-dokument hawn mehmuz bhala dokument Cosmic 2 fir-raba' taqsima ta' dan ir- Rikors Guramentat.*

*3. Premess illi nhar is-26 ta' Settembru, 2013, wara tentattivi diversi biex ir- Rikorrenti / Attur jikkonvinci lil martu halli tirritorna lejn il-hajja accettabbli ta' mara mizzewga u din ripetutivament irrifjutat li taghmel dan anzi baqghet tisfidah u tipprovokah, ir-Rikorrenti / Attur intavola l-Medjazzjoni tieghu li effettivament kif jirrizulta mid-dokument hawn anness Cosmic 6 gie ddegretat nhar is-27 ta' Settembru, 2013, l-ghada li gie ntavolat w inghata r-referenza ta' Ittra Numru 1352/13 - MC imma effettivament wara tliet laqghat ma' l-abbli Medjatur Dr Mario Caruana sar ir-rapport tieghu nhar id-29 ta' Novembru, 2013 u dina l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Onorevoli Mhallef Dr Abigail Lofaro LL.D. permezz ta' Digriet Numru 2555 / 13 fl-Atti tal-Medjazzjoni, Ittra Numru: 1352/13, fl-ismijiet "A sive A B -vs- C sive Alexandra B", gie ddikjarat li l-Medjazzjoni nghalqet w awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b' kawza u dana fit-termini mposti mil-Ligi, b' digriet datat 3 ta' Dicembru, 2013 li*

*jfisser li l-kawza kellha tkun intavolata sat-3 ta' Frar, 2014: vide l-anness dokument Cosmic 6.*

*4. Premess illi l-kontendenti konjugi B kellhom tliet itfal, tnejn bniet u wiehed tifel fejn dan ta' l-ahhar qieghed jirrisjedi u jahdem l-Ingilterra u z-zewgt ibniet jirrisjedu f'Malta w effettivament huma x-xhieda principali tal-hajja ta' immoralita' u vagabondagg da parti ta' l-Intimata / Konvenuta ommhom li naturalment waslet ghal hafna niket fil-familja B imma kienu l-istess zewgt ibniet li llum huma wkoll ommijiet u wahda minnhom mizzewga li nsistew minkejja d-drittijiet taghhom li jaghmlu l-Affidavit fir-rigward ta' l-imgieba u fil-fehma taghhom il-krudelta' ta' ommhom versu missierhom, versu uliedha stess u versu l-ghib li fih gabet lil familja B.*

*5. Premess illi fic-cirkustanzi ma hemm ebda kwistjoni ta' kura u kustodja tat-tfal minuri jew tat-tfal li minkejja li mhumiex minuri ghadhom qed jistudjaw fuq livell terzjarju w allura ma hemm ebda kwistjoni relatata ma' manteniment fir-rigward ta' tfal f' dina l-inkwadratura.*

*6. Premess illi da part tieghu r-Rikorrenti / Attur A B mhux qed jistenna ebda forma ta' manteniment da parti ta' martu u lanqas ma huwa qed jistenna li jivversa xi forma ta' manteniment lil martu minhabba l-adulterju taghha u l-imputabilita' unika tat-tifrik ta' dana z-zwieg bl-iktar mod assolut minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni anke meta l-istess Rikorrenti zewgha offrilha li jahfrilha mbasta tibdel il-hajja xellerata li waqghet fiha u fejn it-twegiba ta' l-Intimata / Konvenuta martu kienet li hi zzewgitu meta kien ghad kellha biss sbatax-il sena w issa qed tara x' setghet toffri l-hajja u x' tilfet mill-hajja u trid tgawdi l-hajja bil-mod kif trid minghajr ebda forma ta' ndhil!*

*7. Premess illi nonostante dan kollu nhar is-16 ta' Settembru, 2013, l-imsemmija C B kellha l-wicc li tintavola l-proceduri ghal Medjazzjoni bit-tezi illi bejn r-Rikorrenti / Attur u bejnha kien hemm inkompatibilita' ta' karattru, theddid, sevizzi, mohqrija u ntimidazzjoni fil-konfront taghha, li naturalment dana ma huwiex minnu, liema Medjazzjoni fuq l-istess binarju ta' dak li ntqal aktar il fuq fir-rigward tal-Medjazzjoni inizjata minn zewgha r-Rikorrenti / Attur odjern giet intavolata permezz ta' Ittra Numru: 1332/13, u b' digriet numru 2554/13 datat 3 ta' Dicembru 2013 din il-wisq*

*Onorabbli Qorti preseduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro LL.D. iddikjarat li l-Medjazzjoni hija maghluqa w awtorizzat lil partijiet jipprocedu b'kawza u dan fit-termini mposti mil-Ligi: vide l-anness Dokument Cosmic 7.*

*8. Premess illi r-residenza matrimonjali hija f'Appartament Numru 6, Block C, Triq il-Weghdiet, Bini tal-Gvern gewwa Birkirkara - Malta u dana huwa mikri lil A B: Id Number X bir-referenza ghal din il-proprjeta' numerata X u l-kera hija mhallsa fuq kriterja ta' kera residenzjali sa issa kif tindika l-ircevuta hawn mehmuza mill-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Marzu 2014 l-ammont ta' kera huwa ta' €94.25 kull tliet xhur u dana terga' ssir referenza ghal dokument fir-raba' taqsima ta' dan ir-Rikors Guramentat: dokument Cosmic 10.*

*9. Premess illi d-Dar Matrimonjali f'Appartament Numru 6, Block C, Triq il-Weghdiet, Bini tal-Gvern, Birkirkara u l-garaxx Store 16, Block M, Triq il-Weghdiet Laqxija Birkirkara, b'din l-ahhar proprjeta' nnumerata bhala referenza 075926 huma t-tnejn proprjeta' tal-Gvern u mikrija lir-Rikorrenti / Attur bil-kera dejjem imhallsa mir-Rikorrenti / Attur anke kif jirrizulta fl-istore ghal perjodu 23 ta' Jannar 2014 sat-22 ta' Lulju 2014 bil-kera ta' €75.70 kull sitt xhur: vide Dokument Cosmic 11.*

*10. Premess illi l-konjugi B ghaldaqstant apparti mis-sitwazzjoni kif imfissra fil-premessi hawn fuq suesposti naturalment ghandhom ukoll mobbli fid-Dar Matrimonjali u fl-istore nkluz l-apparat tal-hidma tar-Rikorrenti / Attur, tliet vetturi li l-valur taghhom illum huwa mill-iktar baxx jekk wiehed ma jiddeskriviehx bhala bla valur li huma l-vann Tata (vann kummercjali), Maruti, kif ukoll hemm xi somma assigurata u xi kontijiet bankarji partikolarment mal-Mediterranean Bank u ma' l-HSBC.*

*11. Premess illi r-Rikorrenti / Attur ibiegh ukoll il-hut f' jiem partikolari u kif gia ntqal l-Intimata / Konvenuta tahdem apparti milli minn jeddha abbandunat id-Dar matrimonjali u qegħda tghix f'residenza fil-mument li qed tigi ntavolata din il-kawza f'San Pawl il-Bahar.*

*12. Premess illi f'din l-inkwadratura, ir-Rikorrenti / Attur qieghed jintavola din il-kawza u qed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti sabiex tevalwa, tidderiegi, tiddikjara u tordna illi:-*

*II. TALBIET TAR-RIKORRENTI / ATTUR A B:*

*(a) Illi z-zwieg bejn il-kontendenti konjugi B abbazi tad-dettalji ndikati fid-dokument Cosmic 2 fir-Raba' Taqsima (Elenku ta' Dokumenti) ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern tkisser irremidjabilment, minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni, b' tortijiet unikament attribwibli lill-Intimata / Konvenuta C sive Alexandra B D, u dana fl-inkwadratura tal-kontenut ta' dawna l-Atti Gudizzjarji f' dan il-kaz u l-provi li tressqu fil-mori ta' din il-kawza;*

*(b) Illi dana z-zwieg jiggustifika t-talbiet tar-Rikorrenti / Attur f' din il-kawza abbazi ta' Artiklu 38 Kapitlu 16 Kodici Civili minhabba l-adulterju ta' C sive Alexandra B D:*

*(c) Iz-zwieg tkisser irremidjabilment abbazi ta' Artiklu 39 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn dina l-wisq Onorabbli Qorti ghandha tirreferi wkoll ghal Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali partikolarment l-Artiklu 412C tal-Kodici Kriminali w Artiklu 412D ta' l-istess Kodici Kriminali u dana b' tortijiet unikament attribwibli lill-Intimata / Konvenuta C sive Alexandra B D: skond ma jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza;*

*(d) Illi z-zwieg tkisser ukoll irremidjabilment abbazi ta' Artiklu 40 tal-Kodici Civili u dana minhabba 'eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti ta' l-Intimata / Konvenuta jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal da parti ta' l-Intimata / Konvenuta kontra l-Attur zewgha A sive A B: jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tal-kontendenti konjugi B, w anke minhabba li l-hajja flimkien bejn il-konjugi ma baqghetx iktar possibli ghax iz-zwieg issa tkisser irremidjabilment b' tortijiet unikament attribwibli lill-Intimata / Konvenuta C sive Alexandra B D, ezatt kif jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza;*

*(e) It-talba ghal firda hija wkoll gustifikata il ghaliex effettivament l-Intimata / Konvenuta llum abbandunat id-Dar Matrimonjali u qegħda*

*tirrisjedi f' indirizz jew f' residenza San Pawl kif jindika l-okkju u n-notifiki ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern.*

*(f) Fi zmien li tkun miexja l-kawza tal-Firda, ir-Rikorrenti / Attur qed jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti biex tiddeciedi li l-Intimata / Konvenuta tigi ddikjarata li m'ghandhiex toqghod aktar fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja din il-Kawza anke minhabba l-fatt illi l-Intimata / Konvenuta diga' stabbilit residenza ohra f'San Pawl il-Bahar u jkun ta' detriment u ta' pregudizzju kbir ghal diversi ragunijiet legalment u fattwalment fondati jekk l-Intimata / Konvenuta jibqghalha l-jedd li x'hin trid u meta trid tidhol fid-Dar Matrimonjali fejn hemmhekk jew iggorr affarijiet tal-Komunjoni nkella tipprova tipprovoka nkwiet fil-konfront tar-Rikorrenti / Attur A B:*

*(g) L-Intimata / Konvenuta C sive Alexandra B D: Id Number 0338166M minhabba dak kollu li gie sottomess anke fl- istadju preliminari tal-prezentata ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern inkluz id-dokumenti hemm mehmuza, li l-Intimata / Konvenuta mhijiex intitolata ghal ebda somma tal-manteniment skond il-bzonnijiet tagħha u skond il-mezzi tar-Rikorrenti / Attur, u dana meta jitqiesu wkoll ic-cirkustanzi l-ohra kollha ezistenti bejn il-partijiet: Artiklu 46A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(h) L-Artiklu 48, sub-artiklu 1, ir-raba sub-incizi, u sub-artiklu 2 ta' l-istess Artiklu 48 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jkun applikabbli fl-intier tieghu u fil-profondita' tieghu kollha fil-konfront ta' l-Intimata / Konvenuta,*

*(i) Fic-cirkustanzi l-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha fl-Applikazzjoni ta' l-Artikoli 51, 52, u 53 tal-Kodici Civili fl-inkwadratura pero' li z-zwieg tkisser irremidjabilment minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni minhabba t-tortijiet unici ta' l-Intimata / Konvenuta, kif irrizulta ovvju fil-gbir tal-provi fil-mori ta' din il-Kawza;*

*(j) Abbazi ta' Artiklu 54 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sub- artikolu 1, 2 u 3 sas-sub-artikolu 9 ta' l-istess Artiklu 54 dwar l-obbligu tal-manteniment fil-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Rikorrenti / Attur m'ghandu qatt ikun obbligat fic-cirkustanzi li jivversa xi ammont ta' manteniment bil-modalitajiet indikati fl-Artiklu 54 u d-disa' sub-artikoli*

*tieghu tal-Kapitlu 16 lill-Intimata / Konvenuta martu u da parti taghha l-Intimata / Konvenuta C sive Alexandra B D: m'ghandu jkollha ebda jedd fic-cirkustanzi tal-provi kif jirrizultaw u kif diga' dokumentati w indikati li titlob xi forma ta' retta alimentari minghand zewgha r-Rikorrenti / Attur u dana minhabba ragunijiet legali u fattwali ovvji;*

*(k) Ghandu jkun applikat l-Artiklu 55 u t-tmien sub-artikoli tieghu fir-rigward tal-konjugi B b'mod illi għandu jkun hemm ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti b' mod illi fic-cirkustanzi li l-Intimata / Konvenuta m' ghandu jmissha xejn u dana minhabba l-mod kif kisret iz-zwieg taghha mar-Rikorrenti / Attur b'dak kollu li jiggustifika t-talbiet ghal Firda Legali u dana skond dawk id-direttivi li joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti wara li tevalwa l-provi li jkunu tressqu miz-zewg nahat jekk ikun il-kaz;*

*(l) Fl-eventwalita' tal-kontumacja ta' l-Intimata / Konvenuta, tkun xi tkun ir-raguni, u fin-nuqqas li l-istess Intimata / Konvenuta tiggustifika l-kontumacja taghha, il-Qorti jekk ikun il-kaz ghandha tahtar lil persuni kompetenti biex ikunu jistghu jirraprezentaw lill-Intimata / Konvenuta bhala kontumacja fl-Atti ta' din il-Kawza u fi kwalsiasi Atti ohra li direttament jew indirettament ikunu konnessi u dana biex ir-Rikorrenti / Attur bl-ebda mod ma jigi pregudikat jew isofri xi forma ta' pregudizzju;*

*(m) Fir-rigward ta' l-Artiklu 55A sub-artikli 1 sa 3 bis-sub-incizi b' kollox fis-sub-artiklu 1 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi kkonfermat illi d-Dar Matrimonjali huwa appartament proprjeta' tal-Gvern ta' Malta, mikri lir-Rikorrenti / Attur flimkien ma' store fejn izomm xi ghodda li permezz taghha jkun jista' jattwa l-hidma li jaghmel ir-Rikorrenti / Attur u dawna ghandhom jigu allokati definittivament lir-Rikorrenti / Attur, b'mod illi l-kera tinqaleb esklussivament fuq isem A B minghajr ebda jedd lill-Intimata / Konvenuta C sive Alexandra B D u dana fl-inkwadratura tal-provi mressqa fil-mori ta' din il-kawza w anke l-abbandun da parti ta' l-Intimata / Konvenuta mid-Dar Matrimonjali u l-istabbiliment ta' residenza alternattiva mill-Konvenuta kif irrizulta fil-mori ta' din il-Kawza;*

*(n) Ghandhom jinhatru esperti u Periti nominandi jekk ikun il-kaz biex issir valutazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti fid-dawl tat-talbiet relevanti*

*kif hawn fuq su esposti u dana anke jekk il-valur jidher li mhuwiex wiehed estensiv imma fl-inkwadratura tad-decizjoni li tkun trid tiehu l-Qorti dwar jekk ghandux ikun hemm xi forma ta' proporzjon mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti assenjati lill-Intimata / Konvenuta konsiderando li kienet hi l-htija unika tat-tifrik ta' dan iz-zwieg;*

*(o) Illi b'referenza ghal kunjom il-mara wara s-separazzjoni, qed issir referenza ghal Artiklu 62 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u partikolarment ghas-sub-artiklu 2 ta' l-istess Artiklu 62 fejn ir- Rikorrenti / Attur irid li l-Qorti tipprojbixxi lill-Intimata / Konvenuta martu C sive Alexandra B milli tkompli tuza kunjomu ossia B wara s-separazzjoni, peress illi dak l-uzu jista' jkun ta' pregudizzju gravi lir-Rikorrenti / Attur u lill-familja tieghu w ghalhekk fic-cirkustanzi l-Intimata / Konvenuta ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha D,*

*(p) Ghandha ssir referenza ghall-Artiklu 62A u 66 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Qorti ghandha tordna li dawn jigu regolati skond il-Ligi;*

*(q) Illi fic-cirkustanzi abbazi tal-fatti kif jirrizultaw l-ispejjez kollha, gudizzjarji w extra gudizzjarji, direttament konnessi ma' dan ir-Rikors Guramentat w indirettament marbuta ma' kull Att iehor li huwa marbut mal-mertu ta' dan ir-Rikors Guramentat odjern ghandhom jigu mposti fuq l-Intimata / Konvenuta C sive Alexandra B D: u dana billi jirrizulta ampjament li dan l-inkwiet kollu, dawn l-ispejjez kollha, it-tifrik irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg, l-effett negattiv fuq il-familja kollha holqithom u kkagunathom b'imgieba rresponsabbli, dekadenti, immorali, u ta' vagabondagg l-Intimata / Konvenuta ndikata jirrizulta manifestament mill-gbir tal-provi fl-Atti kollha u tul din il-Kawza odjerna.*

*13. Tant ghandu umilment x'jissottometti ir-Rikorrenti/Attur A sive A B ghas-savju gudizzju ta' din il-wisq Onorabbli Qorti.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 419/1984;[2]

[2] Fol. 24.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Diċembru 2013[3] li bih iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata[4] tal-konvenuta li fiha ġie eċċepit kif ġej:

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti taqbel li z-zwieg tfarrak imma minhabba tortijiiet attribwibbli lir-rikorrenti fosthom theddid, sevizzi, mohqrija u intimidazzjni da parte tieghu u ghalhekk kellha titlaq mid-dar matrimonjali*

*2.Illi l-esponenti taqbel li għandu jigi xolt il-komunjoi tal- akkwisti dan b'mod li r-rikorrenti ghandu jitlef minn dak is- sehem tieghu minhabba r-ragunijiet imputtabli lilu ghat-tifrik taz-zwieg;*

*3. Illi r-rikorrenti huwa dovut li jhallas manteniment xieraq ghall-esponenti stante li dejjem hadmet mieghu fix-xoghol part-time taghhom li kienu jbieghu l-hut u issa ma ghandhiex xoghol u għalhekk dovut li jhallas manteniment;*

*4. Illi r-rikorenti ghandu jigi mkecci mid-dar matrimonjali u tmur tghix hemmhekk l-esponenti ad eskluzzjoni tar-rikorrenti.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta;

Rat il-verbal tad-29 ta' Mejju 2014[5] fejn il-Qorti appuntat lil Dr Gabrielle Buttigieg bħala perit legali biex tisma' l-provi bis-soliti fakultajiet u l-verbal tal-1 ta' Novembru 2016[6] li bih il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Buttigieg u ssostitwitha b'Dr Claudio Zammit bl-istess inkarigu u fakultajiet.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-provi kollha li ġew mressqa quddiem il-perit legali;

---

[3] Fol. 41.
[4] Fol. 71.
[5] Fol. 78.
[6] Fol. 87.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tal-10 ta' Marzu 2020;[7]

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuta tal-4 ta' Mejju 2020;[8]

Rat ir-rapport maħluf tal-perit legali;[9]

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur tat-13 ta' Mejju 2024;[10]

Rat in-nota tal-konvenuta tal-14 ta' Awwissu 2024;[11]

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[12];

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tiegħu, u *ċioé* riassunt tal-provi kollha mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħa konjizzjoni tal-atti kollha ta' dan il-każ.

Ir-rapport tal-Perit Legali Dr Claudio Zammit qed jiġi riprodott testwalment fl-intjer tiegħu:

*Illi permezz ta' digriet tal-1 ta' Novembru 2016, l-esponent inhatar bhala perit legali sabiex jirrelata dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-partijiet f'din il-kawza, u dan wara li l-provi kienu diga' bdew jingabru mill-Perit Legali precedenti.*

*Illi l-provi tal-attur kienu s-segwenti:*

*Ill fl-istqarrija mahlufa tieghu prezentata mar-rikors guramentat l-**attur A B** qal illi martu ma kinitx dik li kien jaf qabel. Kienet tghajjru, u hu sar qisu bniedem li ma jezistix. Meta jmur ifittixha, kienet iggiblu xi skuza. It-tifel iddecieda li jmur jghix barra minn Malta, u meta jmorru hdejh kienu jkunu dejjem bl-argumenti. Jghid li xi kultant jahseb li dahal ix-xitan go martu, u jghid li marret anke ghand*

---

[7] Fol. 455.
[8] Fol. 459.
[9] Preżentat permezz ta' Nota fl-atti fl-24 ta' Ottubru 2023 a fol. 769.
[10] Fol. 813.
[11] Fol. 832.
[12] Verbal tal-15 ta' Mejju 2024 a. fol. 768.

*tas-shahar, ghal darbtejn.  Xehed ukoll illi l-konvenuta tahdem ma' kumpanija tat-tindif f'Hal-Qormi.  Jghid ukoll illi hija tiffrekwenta hanut li jismu 'The Black Finger', fejn hemm l-'imbarazz', u f'dan is-sens jghid li hija 'imbarazz ma' imbarazz'.  F'din l-istqarrija, l-attur ta rendikont dettaljat ta' kif kienet il-hajja mizzewwga tal-partijiet, kemm qabel u kif ukoll issa, direttament qabel il-konvenuta harget mill-fond konjugali.*

*L-attur xehed ukoll quddiem il-Perit Legali*[13] *u kkonferma dak li ddikjara fir-rikors guramentat u qal li minn dakinhar li nfethet il-kawza ma kienx hemm zviluppi. Ilmenta li l-mara kienet titlaq u ma tigix lura d-dar.  Kienet titlaq matul il-gurnata u ma ssajjarx u ma tnaddafx.  Gieli ghamel rapporti ghax sat-tlieta jew l-erbgha ta' filghodu ma tkunx marret lura d-dar.  Spiccaw jorqdu f'zewg kmamar separati u hi l-hin kollu fuq il-laptop.  Qal ukoll illi darba ghamel rapport fl-4.30 am ghax ma kinitx marret lura d-dar, u mbaghad fis-6 AM semaghha qed tipprova terga' tiftiehem biex tiltaqa' ma' dak il-bniedem li kienet qed titkellem mieghu.*

*L-attur jghid ukoll illi l-messagg principali tal-mara kien li kellu jhalliha tghix hajjitha, filwaqt li tirrikonoxxi li qed tkellem ragel iehor.  Fl-ahhar spiccat telqet. Ghamel xi tliet xhur ma sema' xejn minghandha.  Jghid ukoll illi l-konvenuta kienet tonfoq flus bl-addocc fuq hwejjeg tat-training.  Kienet turieh li se tfittex hajja ohra u ttieh mill-aghar.  L-attur jghid li ma kinux neqsin mill-hrug ghax kienu johorgu ta' spiss, anke meta hu kien ikun xoghol ta' bil-lejl.  Lit-tifla, ma kinitx izzommilha t-tifel ghax qaltilha li trid tghix hajjitha.  Il-hwejjeg li bdiet tilbes ma kinux xierqa, u filwaqt li fil-passat kienet tistkerrah dawn it-tip ta' hwejjeg, spiccat bdiet tilbes bhalhom hi stess.   Miz-zwieg twieldu tlett'itfal, li llum kollha ghandhom 'il fuq minn tmintax-il sena.  Il-konvenuta spiccat tghid lill-attur li lanqas hi stess ma taf x'riedet.*

*L-attur jahdem watchman mal-gvern. Kien jaghmel part-time ibiegh il-hut.  Id-dawl, il-kera u l-ispejjez dejjem hallashom hu.  L-attur jghid illi ghamlu zmien jaghmlu kollox flimkien, sahansitra jmorru jixtru; izda mbaghad wasal punt fejn ma riditx taf bih iktar.  L-attur ma jafx jaqra u jikteb, pero' l-laptop dahal id-dar ghax il-konvenuta qalet li timmissja lit-tifel u lil huha li jghix l-Awstralja.  Pero' l-attur qal li dan bdiet tuzah sabiex ikollha kuntatt ma' irgiel ohra.  Sahansitra semaghha tiftiehem ma' rgiel ohra.  Meta kien jikkonfrontaha, kienet tghidlu li la ma qabadhiex fis-sodda ma' dan il-bniedem, m'ghandu xejn.  It-tfal spiccaw warrbuha wkoll.*

*Xehed ukoll*[14] *illi l-konvenuta kienet ukoll taghti l-flus lil haddiehor, persuna barranija.  L-attur qal li l-konvenuta kienet f'relazzjoni ma' Taljan.*

---

[13] Seduta tal-31 t'Awwissu 2014 quddiem il-Perit Legali
[14] Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2016 quddiem il-Perit Legali

*Qal ukoll illi l-appartament fejn joqghod huwa bil-kera, fejn jghix wahdu u l-htigijiet tieghu jiehu hsiebhom hu, u t-tfal gieli jghinuh bhal ma jghinhom hu. Il-konvenuta tghix fi flat Bugibba. Qal li fil-kontijiet tal-bank hemm madwar hdax-il elf Euro (€11,000), u ghandhom ukoll karozza u zewg vannijiet. F'Mejju 2016 kienet ilha ma tmur id-dar xi sentejn. F'seduta ohra[15] esebixxa kopja legali tal-mandat ta' sekwestru li ghamlet vdzil-konvenuta fejn indikat li l-valur tal-komunjoni tal-akkwisti huwa mija u tmenin elf Euro (€180,000). Esebixxa wkoll dokumenti tal-Mediterranean Bank li kien jindika li l-partijiet kien ghad ghandhom €5,041.89 fil-bank filwaqt li €5,000 ohra kienu gew depozitati l-Qorti. Esebixxa wkoll dokument b'messaggi li t-tifal kienu kkupjaw minn fuq il-mobile tal-konvenuta. Wara dawn il-messaggi, it-tfal ma ridux ikellmu iktar 'l ommhom. Esebixxa wkoll il-licenzja tas-sewqan tieghu u l-log book u licenzja tat-tliet vetturi li ssemmew qabel, kif ukoll rapport tal-Pulizija li kien ghamel f'Ottubru 2013, fejn kellu suspett li l-konvenuta ha tmur taqbez. L-ghamara li hemm fid-dar inxtrat fiz-zwieg. L-attur jallega li l-konvenuta kienet dahhlitu f'dejn kbir, u li kienet serqitlu sitt'elef Euro (€6,000). Dwar dan izda m'ghamilx rapport. F'seduta ohra[16] esebixxa xi cedoli ta' depozitu bi flus tal-partijiet li tqieghdu l-Qorti. Esebixxa wkoll zewg (2) rapporti tal-Pulizija li jmorru lura ghal incidenti tal-21 t'Ottubru 2013 u 22 ta' Frar 2014.*

*Xehdet bl-affidavit ukoll **E B, illum F**, bint il-partijiet, li dak iz-zmien qalet li kienet ghadha tghix fid-dar tal-genituri, filwaqt li ohtha l-ohra zzewwget, u huha telaq jghix l-Ingilterra.*

*Qalet li rat hi stess xi messaggi fuq il-laptop u fuq il-mobile t'ommha, izda ma specifikatx x'rat, ghajr ghall-fatt li rreferiet ghal karta li fuqha kien hemm miktubin xi messaggi. L-ahhar li l-genituri ggieldu kienu qeghdin quddiem ix-xhud u l-konvenuta qalet li qalbitha lill-attur. Qalet li r-relazzjoni taghhom m'ommhom marret ghall-aghar, u kull meta jcemplulha dejjem tghidilhom li jew qieghda l-gym jew x'imkien iehor. Tara li hemm differenza kbira bejn kif kienet timxi maghhom ommhom issa u qabel. Saret tiffrekwenta bars u tilbes ilbiesi qosra.*

*Xehdet ukoll quddiem il-Perit Legali[17], fejn qalet li kienu ghaddejjin normali bhala familja, u f'daqqa wahda ommha qabdet kumpanija hazina u bdiet tohrog mal-hbieb, toqghod fuq il-laptop, u qabditha b'messaggi ta' irgiel differenti fuq il-laptop. Rat li anke kellha messaggi fuq il-mobile minn irgiel differenti, u li kienet taghti l-flus lil haddiehor. Bdiet taraha f'bars Bugibba li ma kinux tax-xehta taghha. Pruvat tkellem lil ommha, izda l-konvenuta qaltlilha li lil missierhom m'ghadha thoss xejn ghalih u m'ghadhiex thobbu. Riedet tibda hajja gdida.*

---

[15] Dik tas-6 ta' Gunju 2016 quddiem il-Perit Legali

[16] 16 ta' Gunju 2016 quddiem il-Perit Legali

[17] Fl-istess seduta tas-16 ta' Gunju 2016

*Qalet li f'okkazjoni minnhom sabitha mitluqa fuq wiehed gewwa bar f'Bugibba, u f'okkazjoni ohra kellha t-tifla ma tiflahx, u marret ghand il-konvenuta u sabet ragel hemmhekk. Il-konvenuta riedet tlaqqaghha mieghu. Sabitha mixhuta fuqu, b'tazza tal-inbid f'idejha; mimduda b'rasha fuqu. Safejn taf hi, il-konvenuta tmur tahsel ghand in-nies u tiehu l-beneficcju tal-gvern ta' darba fix-xahar. Ix-xhud issostni li hija vicin ta' missierha ghaliex dan m'ghamel xejn hazin, u tghid li ommha li bdiet kollox.*

*Xehdet ukoll **G H**, ukoll bint il-partijiet, li qalet li ommha l-konvenuta f'daqqa wahda ddecidiet li ma riditx tara aktar lil missierha. Ix-xhud kienet tkun dejjem mal-genituri, u ghalhekk haditha bi kbira. Ommha nbidlet hafna, u trid tgawdi wahidha, u trid tohrog wahidha. Is-Sibt titlaq 'il barra minn filghodu. Kienet tmur il-gym u l-football, imma x-xhud ma kinitx issibha, partikolarment fil-weekend, meta kien ikollha cans tmur izzur lill-genituri. Qabel il-konvenuta kienet tinteressa ruhha iktar fin-neputijiet, izda issa mhux daqstant. Qalet ukoll li ommha qed tilbes ftit imqaccat. Missierha inbidel hafna ghaliex qed iqatta' hafna hin ghandha, u l-hin kollu mdejjaq.*

*L-attur prezenta wkoll ricevuti ta' kera, kemm ghal tar-residenza bl-indirizz Flat 6, Block C, Triq il-Weghdiet, Bini tal-Gvern, Birkirkara, kif ukoll ghal kirja mhux residenzjali bl-indirizz Store 16, Block M, Triq il-Weghdiet, Laqxija, Birkirkara.*

*Illi xehdet ukoll **Lana B**, Manager mal-Mediterranean Bank, li qalet li l-partijiet kellhom zewg kontijiet, wiehed fixed u l-iehor savings, it-tnejn joint; li nfethu fil-15 ta' Novembru 2011; il-fixed ghalaq fid-19 ta' Dicembru 2013. Mis-savings gew depozitati l-Qorti l-ammont ta' tliet mija u dsatax-il Euro u tlieta w hamsin centezmu (€319.53), kif ukoll somma ohra ta' €324.07 u somma ohra ta' €4,924.64, u dan wara li l-bank gie notifikat b'mandat ta' sekwestru.*

*Ipprezentat bhala Dok. LM 1 ir-rendikont relattiv ghall-kont numru M650624AB li huwa fixed account, u bhala Dok. LM 2 is-savings M650624AA. Ipprezentat ukoll bhala Dok. LM 3 – 5 settijiet ta' tliet (3) ricevuti korrispondenti ghad-depoziti li xehdet dwarhom qabel. Il-mandat ta' sekwestru li a bazi tieghu iddepozitaw kien ta' disghin elf Euro (€90,000), bin-numru 222/13. Meta rcevew s-sekwestru kien hemm depozitati maghhom ghaxart'elef Euro (€10,000) fil-fixed, depozitati bhala principal amount, u l-interessi sa dak iz-zmien. Fiz-zmien li rcevew is-sekwestru ma jidher li gie irtirat xejn. L-interessi kien qed jigu trasferiti mill-fixed ghas-savings. Meta rcivew il-mandat ta' sekwestru u kien hemm dan il-fixed account dan kien jispicca fid-19 ta' Dicembru 2013, u sar it-transfer fis-savings.*

*Ipprecizat li d-dati li tat tad-depozitu huma ta' l-ircevuta. Kemm t'Ottubru u ta' Novembru d-depoziti kienu interessi. Imbaghad fid-depozitu ta' l-10 ta' Jannar 2014, id-depozitu ta' erbat'elef, disa' mija u erbgha u ghoxrin Euro u erbgha w sittin centezmu (€4,924.64), kien inhareg mill-kont fit-3 ta' Jannar 2014.*

*Jidher li fil-kont il-bank ghad hemm hamest'elef u sitta w hamsin Euro u dsatax-il centezmu (€5056.19). Dan huwa l-bilanc. Mill-ammont kapitali li kien fil-fixed account, li mbaghad x'hin immatura gie trasferit fil-current, li kien gia' suggett ghal sekwestru, gew depozitati biss nofshom. Ir-raguni ghaliex ix-xhud ma kinitx tafha, pero' ssuspettat li kien ghax hasbu li kien in-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Fil-fatt qalet li kienu se jigu depozitati l-bqija.*

***L-attur** prezenta wkoll zewg cedoli ta' depozitu bhala Dok. CM 1 u CM 2.*

*Illi **Alison Mifsud Brimmer**, ghal HSBC Bank (Malta) plc qalet li ghamlet ricerka fuq il-kontijet bankarji f'isem A B ID 104966 M u f'isem Alexandra B D ID 338166 M mill-1 ta' Jannar 2013. Skond ir-ricerka li ghamlet fil-11 ta' Dicembru 2017 irrizultaw xi kontijiet bankarji, uhud minnhom f'isem l-attur, u ohrajn f'isem il-konvenuta. Prezentat ir-rendikonti relattivi ghal dawn il-kontijiet bhala Dok. AMB 1 sa AMB 5. Esebiet ukoll kopja tas-sekwestru li kien ircieva l-bank bhala Dok. AMB 6.*

*Illi xehdet ukoll il-**konvenuta**, in subizzjoni, li qalet li fil-mandat ta' sekwestru li kienet prezentat kontra l-attur, fejn indikat li l-assi li jappartjenu lilha jammontaw ghal 90,000 Euro, mistoqsija tghid kif waslet ghal din ic-cifra, tghid li meta marret ghand l-Avukat Noella Sciriha, qaltilha b'li gara bejniethom u mbaghad x'hin bdiet tghidilha l-ammonti ta' affarijiet li hemm, qaltilha biex jaghmluha b'dak l-ammont. Il-konvenuta qalet li dawn l-affarijiet kienu jikkonsistu fil-flus il-bank, u l-affarijiet li xtraw bejniethom. Mistoqsija x'inhuma dawn, qalet li hemm tliet karozzi, l-affarijiet li ghamlu god-dar, bhal madum u ghamara.*

*Qabel bdew il-proceduri ta' separazzjoni kienu ilhom jghixu flimkien disgha u ghoxrin (29) sena bhala mizzewwgin flimkien. Kienet ilha ma tghix mal-attur ghal erba' snin. Dawn l-erba' snin mhux inkluzi fid-disgha w ghoxrin sena. Mistoqsija dwar l-istima taghha fejn stmat li hemm 180,000 Euro b'gid bejniethom, tghid li hija ma semmiet xejn, u dik `ivvintawha huma`. Qalet li l-gurament li hadet kien li 90,000 Euro kienu bejniethom. Tghid li d-90,000 mhux sehmha. Sehmha huwa nofs tad-90,000 Euro. Mistoqsija ghalfejn ikkonfermat bil-gurament li sehmha huwa 90,000, tghid li fil-Qorti kienet semmiet li 27,000 Euro li kienu l-ammont li kien hemm fil-bank. Qalet ukoll li kera kienu jhallsu 92 Euro jew 94 Euro kull darba ghal erba' darbiet fis-sena. F'sena kienet qisu qrib l-400 Euro. Fl-appartament mikri kienu ghamlu l-aluminium, spare toilet, kamra tal-banju, kamra tas-sodda matrimonjali, kamra tat-tifel u kamra tal-bniet. Il-kcina ghamluha minn kamra zghira kabbruha u ghamluha ta' l-oak. Dawl u ilma qalghu ghax qalghu l-art kollha biex jghaddu l-katusi u l-kanen. Dak iz-zmien kienet mara tad-dar, imma kienet tghin ukoll. Dawn l-oggetti li saru hallsu ghalihom it-tnejn li huma. Hi ghalihom batiet; ir-ragel qatt ma riedha tahdem bil-ktieb; kienet tibza' minnu ghax kien dejjem jheddidha, ghax kien jghidilha li*

*jaqtghulu t-taxxa tieghu. Kienet tisma' minnu, u kienet tohrog tahdem bil-mohbi.*

*L-ghamara tal-kamra tat-tifel xtratha hi, ghax hu qatt ma ried jixtri. It-tliet vetturi li semmiet meta nxtraw ma tafx il-valur taghhom bl-ezatt x'kien. Bejn wiehed u iehor it-Tata kienet Lm6,000, id-DFM xi Lm5,000, u l-Maruti Lm2,500. Dawn ma niftakarx meta nxtraw. It-Tata ilu xi ghoxrin sena, hames snin wara nxtara l-iehor, u mbaghad hames snin wara nxtrat il-karozza. Kien hemm ukoll il-flus ta' l-insurance, fejn l-attur kien qed jitfa' l-flus fil-bank HSBC. Kienu jintefghu 20 lira Maltin fix-xahar. Din l-insurance kienet fuq l-attur. Il-flus il-bank ukoll kienu fuq l-attur. Hi l-bank li kellha kien kont iehor li kellhom bejniethom, imma kien fih xi haga zghira. Kien hemm xi 176 Euro.*

*Meta nfethet il-kawza, mistoqsija jekk hija lahqitx gibdet xi flus mill-bank, tghid li le. Tghid li meta hi ghamlet il-mandat, l-Avukat Noella Sciriha kienet qaltilha biex jindikaw l-ammont ta' 90,000 Euro.*

*Dwar is-27,000 Euro li ndikat, dawn kienu flus depozitati l-bank fuq isem ir-ragel. Ma tafx x'sar minnhom. Hu semma li kellu d-dejn, meta d-dejn hu kien jibza' minnu. Il-flus ingibdu ftit qabel m'ghamlet is-sekwestru, xi tlett'ijiem qabel. Ma ngibdux minnha zgur.*

*Ic-cifra ta' 45,000 Euro jew vicin, hija s-sehem li l-konvenuta tghid li hija sehmha.*

*Ipprezentat ukoll hames dokument u cioe' tliet rapporti tal-Pulizija bhala Dok. MF 1 sa MF 3. Ipprezentant ukoll dokument ta' l-Appogg bhala Dok. MF 4, u certifikat mahrug minn Dr. Mary Vella bhala Dok. MF 5.*

*Fuq dawn ir-rapporti, ma gara xejn. Marret ghamlet ir-rapport u daqshekk. Ghamlet ir-rapport u hallietu hemm. Marret l-Appogg meta kienet marret il-polyclinic. Qalet li l-karta li esebiet ta' l-Appogg ma tafx kif ghandha d-data 2016.*

*Marret ghad-dokument ta' l-Appogg ghax kienet marret tapplika ghal post tal-gvern. Din id-dar ma tistax tehodha minghand il-gvern ghax ghadha ma sseparatx. L-Awtorita' tad-Djar qaltilha li sakemm tinfired legalment m'ghandhiex dritt. Illum qieghda tghix billi tahdem ftit zghira hi. Ir-relief qed thallas il-kera bihom. Illum qed iddahhal 430 Euro tar-relief u 130 euro tas-sussidju tal-kera. Dawn kull erba' gimghat. Qed iddahhal 60 Euro fil-gimgha mix-xoghol. Xi dokumenti dwar dan li qed iddahhal mix-xoghol m'ghandhiex.*

*Dwar ic-certifikat mahrug minn Dr. Mary Vella, tghid li wara ma gara xejn. Marret l-isptar mill-polyclinic, ghax baghtuha ghal x ray, u ma rrizulta xejn gravi. U mbaghad wara hemm baghtuha l-Appogg. Pero' wara r-rapport ma mexa xejn aktar. Wara dakinhar marret lejl ghand ommha, u ddecidiet terga' tmur lura d-*

*dar. Wara li regghet marret lura d-dar, regghet bdiet bil-mod u mbaghad regghu irrangaw. La kienu regghu irrangaw, il-htiega li kellha biex titlaq mid-dar kienet illi kellhom argument bejn xulxin. Kien jghajjarha, u l-imhabba li kellha ghalih bdiet tinqata' ftit ftit.*

*Mistoqsija jekk dahlitx xi imhabba ohra, tghid li le. Mistoqsija dwar dak li qalet bintha, meta sabitha fuq sufan, f'hogor ragel iehor, tghid li dakinhar kien fl-2017, mhux fiz-zmien li kienet ghadha mar-ragel. Mistoqsija jekk dehrilhiex li kellha d-dritt tghix il-hajja taghha, taqbel.*

*Fejn qed tghix bhalissa, qed thallas 600 Euro fix-xahar kera. Kull m'hemm fil-post huwa tas-sid, furnished. Fuq dawn is-600 Euro il-Gvern qed itiha 130 Euro sussidju fix-xahar. Mid-dar ta' Birkirkara, tghid li l-affarijiet li kienu tal-komunjoni bejniethom kien kollox, biddlu t-twieqi, kamra tal-banju, spare toilet, biddlu l-madum kollu, ghamlu kcina gdida, u l-kmamar tas-sodda wkoll godda, u affarijiet ohra bhal appliances.*

*Flimkien bhala mizzewwgin damu tmienja u ghoxrin jew disgha u ghoxrin sena. F'dan iz-zmien ikkontribwew finanzjarjament biex ghamlu dawn ix-xoghlijiet it-tnejn li huma. Hi kienet tahdem. Kienet tghin lill-attur ibiegh il-hut u apparti hekk kienet tmur tahdem fid-djar.*

*Illi l-<u>provi tal-konvenuta</u> kienu s-segwenti:*

*Xehdet minn jeddha **<u>l-konvenuta</u>** li qalet li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Marzu 1984. Ghamlu disgha u ghoxrin (29) sena flimkien u f'dawk is-snin kellu kollox fuq ismu l-attur bhala flus. Hu kien jahdem mal-gvern, kien ma' l-iscammel, u mbaghad kennies, u issa watchman. Kien ukoll ibiegh il-hut il-monti ta' B'Kara u hi kienet tmur tghinu. Kienet tghinu fil-bejgh tal-hut, ghal nofstanhar. Ghall-bidu flus ma kienx itiha. Imbaghad l-Erbgha u l-Gimgha kien itiha hamsin (50) Euro ghal kull gurnata li kienet tghinu. Kellhom tlett'itfal; zewg bniet u tifel.*

*Meta kien hemm il-flus fil-bank, kienet tghidlu jaqlibhom fuqha wkoll u m'ghamilx hekk. Dawn gibidhom. Kien hemm sebgha u ghoxrin elf Euro (€27,000) zgur.*

*Hi kienet thobbu, imma kien jaghmlilha hafna affarijiet. Gieli refa' idejh fuqha, meta kienet tghinu fil-bejgh kien jiksirha quddiem in-nies. L-imhabba bdiet hierga ftit ftit minnha. F'daqqa wahda bdew jillitigaw u qaltlu li trid is-separazzjoni.*

*Imbaghad ghamlet xahrejn fid-dar taz-zwieg u mbaghad marret fil-kamra tat-tifel u baqa' jfittixha, pero' hi ma riditux aktar. Problema li kellha d-dar kienet li lanqas kieni itiha flus biex tghix. Telqet mid-dar ghaliex baqa' jrid xi haga minnha u hi ma bdietx thossha sew mieghu.*

*Meta refa' idejh fuqha, gara illi meta kien itiha daqqa wahda ma kienet taghmel xejn. Kien hemm drabi li kien taha iktar minn daqqa wahda, u meta kienu l-*

*monti anke sikkina waddbilha. Taf li kellu l-flus il-bank ghax hi kellha prokura. Qatt ma gibdet minn hemm hlief meta qalilha hu. L-ahhar li ccekkjat kien hemm sebgha u ghoxrin elf Euro (€27,000). Taf li kien gibed ghoxrin elf Euro (€20,000) u mbaghad gibed sebat'elef Euro (€7,000). Dawk il-flus saru bil-paga tieghu li qatt ma messha, u b'tal-hut. It-tfal illum kollha kbar u jghixu ghalihom. Qalet ukoll li taf li r-ragel qieghed ma' persuna u qed tidhol id-dar. Ic-cavetta tas-serratura tad-dar taz-zwieg bidilha.*

*Illi xehdet ukoll* ***__Joanna Bartolo__****, Senior Manager Litigation mal-BOV, li fittxet dwar l-attur u qalet li minn Jannar 2013 sa dakinhar li xehdet ma kellux kontijiet ma' Bank of Valletta. F'seduta iktar tard, xehdet illi dwar life insurance policy fuq is-Sur A B (ID 104966 (M) ma jidhirx li nbieghet xi insurance mill-BOV.*

*Illi regghet xehdet ukoll* ***__Alison Mifsud Brimmer__*** *li qalet li ntalbet informazzjoni dwar A B mill-1984 sa l-2012. Mill-1984 ma kienx possibbli li jaghmlu ricerka minn dakinhar. Pero' marru lura kemm setghu, u cioe' mill-1994 ghall-kontijiet fixed u mill-1996 ghall-kontijiet current u savings. Fuq A B ID 104966 (M) irrizultaw hames kontijiet bankarji, u esebiet erba' dokumenti bhala Dok. AMB 1 sa 4. Kien hemm ukoll kontijiet kongunti bejn il-partijiet li pprezentat rendikont dwarhom bhala Dok. AMB 5 sa AMB 9.*

*Illi xehed ukoll* ***__l-attur__****, in kontro-ezami, li qal illi kellu life insurance policy minghand l-HSBC. Din ilha li ssarfet. Ma ftakarx kemm ha flus minnha, izda kien qieghed ihallas id-djun bil-flus. Il-konvenuta hadet 6,000 Euro minnhom. Ma ftakarx x'kien l-ammont totali. Hu illum ahdem mal-gvern, u ghandu paga ta' 900 Euro fix-xahar. Ghadu bin-negozju tal-hut, ibiegh darba fil-gimgha, nhar t'Erbgha. Minn hemm idahhal daqqa tletin Euro fil-gimgha, daqqa qala' erbghin, u gieli qala' anke inqas.*

*Qal li m'ghandux habiba li toqghod mieghu, u li bhalissa m'ghandux relazzjoni. Ghandu habiba li jisimha I J, li maghha jiltaqa' biex jizfnu. Qal li xi gimaghtejn ilu, mar ha l-karozza lill-mara bit-tow truck. Din kienet ilha ghandha xi erba' snin, hamsa, u ma tatux permess biex jehodha. Qal li l-mara telqitha f'main road bla tyres, u lill-konvenuta raha b'karozza ohra. Kien talab l-assistenza tal-Pulizija biex ikun jista' jiehu din il-karozza lura u l-konvenuta, anke mal-pulizija, kienet qed turi rezistenza biex tghaddilu l-karozza. Fl-ahhar din ic-cavetta ghaddietha lill-Pulizija. Qal li l-konvenuta riedet 250 Euro biex thallilu l-karozza.*

*Dwar il-life insurance, ha l-flus taghha xi sitt snin ilu, meta l-mara kienet ghadha tghix mieghu, tant li minnhom hadet 6,000 Euro.*

*L-attur gie wkoll mistoqsi espressament jekk ghandux relazzjoni ma' terza persuna u qal li johrog biex jizfen. Meta l-partijiet dahlu joqoghdu fil-fond konjugali, kienu gia' mizzewwgin. Il-fond kien tali li kien tajjeb kemm tghix fih. Hu kien jghaddilha l-flus biex jghaddu t-tfal u hu w hi, u meta kienet tghinu ghax-xoghol kien jghaddilha hamsin Euro.*

*Illi xehed ukoll **Glenn Magro**, mill-bank HSBC li qal li l-attur kellu savings policy, polza fejn hu jinvesti fiha, jitfa' monthly premium, u takkumula, u wara jew timmatura jew iwaqqafha qabel. Din bdiet fl-14 ta' Lulju 2000. Din hija assikurazzjoni imma hija savings plan. Bhala polza kien ihallasha regolari, u prezenta rendikont li juri kif inbidel il-premium matul iz-zmien. Il-pagamenti indikati kienu jithallsu fix-xahar. Ipprezenta Dok. GM 1 li huwa rendikont ta' kif ghola l-premium matul iz-zmien, kif ukoll Dok. GM 2 li hija l-iktar aggornament ricenti tal-polza, li juri d-data tal-bidu tal-polza u l-iktar premium ricenti li kien qed jithallas dak iz-zmien li xehed. Ipprezenta bhala Dok. GM 3 li juri li s-sid huwa A B biss u ma kienx hemm beneficcji ohrajn. Ipprezenta wkoll tliet dokumenti dwar il-waqfien tal-polza. Il-polza waqfet f'Settembru 2013. A B thallas b'bank draft u n-net amount kien 11,164.96 Euro; hemm ukoll id-data ta' meta twaqqfet. Biex twaqqfet il-polza, il-klijent ta struzzjonijiet biex waqfet il-polza qabel id-data tal-maturita'. Il-polza kellha terminu. Meta jigi klijent biex jibda polza jimla dokument fil-branch, cioe' surrender form u mbaghad jimla xi dokumenti. Il-polza kellha timmatura f'Lulju 2020. Beneficjarji ohrajn apparti s-Sur B ma kienx hemm.*

*Illi xehed ukoll mll-gdid **l-attur**, in subizzjoni, li qal li d-dancing partner li kellu ma kienx jaf x'jisimha. Qatt ma dahhalha d-dar tieghu. Intwera ritratti li gew esebiti bhal Dok. CMX 1, 2 u 3 u qal li r-ritratti ghalih ma kinux cari[18].*

*Xehdet mill-gdid **E F**, li qalet li rreferiet ghall-affidavit li kien ghamlet u kkonfermatu.*

*Esebiet erba' ricevuti tal-kera tad-dar bhala Dok. SM 3 sa Dok. SM 6. Meta kienet ghamlet affidavit fl-2013, ommha u missierha kienu `on and off'; ommha daqqa tkun id-dar u daqqa titlaq. Missierha jghix wahdu d-dar.*

*Xehed ukoll mill-gdid **l-attur**, li esebixxa dokument li juri li l-konvenuta kienet qed tibghat flus barra ghal haddiehor, minn flusu, u dan bhala Dok. CMX 2. Esebixxa wkoll dokument iehor, li fin-naha ta' fuq tax-xellug, fir-rokna, ghandu wkoll notament, li juri lil min kienet qed tibghat il-flus u ma' min kienet tiftiehem u dan bhala Dok. CMX 3. Dawn sabhom fil-laptop li kienet tuza l-konvenuta. Zied illi l-konvenuta kellha vizzju tal-loghob tat-tombla, vizzju tat-tattoos, li kienet taghmilhom minn wara dahru. Qal ukoll li dan li marret ma' haddiehor huwa fatt u accettat hi stess, ghax qabditha t-tifla. F'dawn is-snin kollha hi ma talbitux manteniment iktar. Mid-dar hadet li riedet; television haditu, tal-hjata haditha, hadet xi affarijiet ohra, barra li hadet il-flus, li terga' kienu tan-nies, tax-xiri li jixtri l-attur. Kienet taf fejn kienu jkunu l-flus, u hadet kollox.*

*L-attur cahad li huwa ghandu partner, u qal li l-konvenuta hadet ritratti bl-addocc fuq nies ohra, fejn issibu fejn ikun qed jahdem. Esebixxa wkoll dokument CMX 4, li huma ricevuti li tawh nies li xtara minghandhom il-hut u li juru hlasijiet li ghamel wahdu wara li telqet. Kellu hafna x'jaghti wkoll lill-*

[18] Dawn ir-ritratt sussegwentement gew sfilzati b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2019.

*pixkerija. Apparti li baqa' jhallas id-dawl. Ghall-pensjoni ghandu sa hamsa w sittin. Dakinhar li xehed kellu sitta w hamsin. Meta jaghlaq wiehed u sittin sena ikun ilu tmienja w erbghin sena bil-bolol.*

*Illi s-sottoskritt ra wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur prezentata fl-10 ta' Marzu 2020 u dik tal-konvenuta prezentata fl-4 ta' Mejju 2020.*

***KUNSIDERAZZJONIJIET***

***1. Responsabilita' Tat-Tifrik Taz-Zwieg***

*Illi l-attur jippremetti illi dan iz-zwieg tkisser minhabba adulterju min-naha tal-konvenuta. Jghid fil-fatt illi l-konvenuta kienet tohrog wahidha u ma tirritornax qabel kmieni fil-ghodu. Jghid illi r-relazzjoni ta' bejniethom inbidlet ghal kollox, bhal ma nbidlet ukoll martu, fis-sens li qabel kienu jaghmlu kollox flimkien, izda issa martu riedet tfittex triq ghal rasha u kienet anke qieghda espressament tghidlu biex ihalliha tghix hajjitha. Jallega wkoll illi hija kienet f'relazzjoni adultera ma' ragel jew iktar minn wiehed, li kienet tibaghtilhom il-messaggi u ccemplilhom, sahansitra quddiemu. Hija kienet ammettiet anke quddiem it-tifla li hija kienet f'relazzjoni ma' persuna ohra. It-tifla nfisha ratha ma' persuna ohra f'appartament li fih kienet qed tghix.*

*Illi jirrizulta kemm mix-xiehda tal-attur kif ukoll tat-tfal tal-partijiet, u wkoll it-traskrizzjoni ta' xi messaggi li kellha l-konvenuta, illi l-konvenuta verament kienet f'relazzjoni ma' haddiehor. Dan, apparti li indikatu hija stess u ammettietu, jirrizulta minn dak li raw u semghu anke t-tfal taghha stess. Irrizulta illi l-konvenuta skambjat messaggi ma' terza persuna li jindikaw li kienet f'relazzjoni, baghtet flus barra minn Malta lil terza persuna, indikat lill-attur li ma kinitx tridu iktar u sahansitra bdew jorqdu fi bnadi separati fl-istess dar. Kien hemm zmien illi l-konvenuta kkoncediet illi ma kinitx ghadha thobb iktar lill-attur, u fejn ukoll qalet illi hija kienet izzewwget zghira, u li issa trid tgawdi. F'dan iz-zmien, fi kliem it-tfal, jidher li l-konvenuta biddlet anke l-istil tal-ilbies taghha ghal wiehed iqsar u iktar giovanili, u kienet anke tiffrekwenta bars li fi kliem uliedha kienu bars li ma kinux jixirqulha. Kien hemm punt imbaghad fejn il-konvenuta harget ghal kollox mid-dar konjugali, u marret toqghod f'appartament San Pawl il-Bahar. F'San Pawl il-Bahar stess, biddlet l-indirizz taghha wkoll.*

*Illi l-adulterju da parti tal-konvenuta gie sewwa pruvat. Ix-xiehda ta' bint il-partijiet E B ma tantx thalli dubju dwar dan. Hija rat il-messaggi fuq il-mobile t'ommha, kif ukoll semghet lil ommha tghid lil missierha li kienet f'relazzjoni ohra, u dan waqt l-ahhar glieda li kellhom. Dan apparti illi kienet rat il-messaggi li kienet baghtet lil irgiel differenti fuq il-laptop u l-mobile.*

*Qabel ma tigi dikjaratata ta' min hija r-reponsabbilta' ghat-tifrik taz-zwieg, pero', l-esponent jehtieg jezamina wkoll il-komportament tal-attur.*

*Il-konvenuta ssostni illi l-attur ma kienx jittrattaha sew, u ghalkemmm hija kienet thobbu, gieli refa' idejh fuqha, u kien jiksirha anke quddiem in-nies meta kienet tghinu fil-bejgh tal-hut. Jidher ghalhekk li s-sitwazzjoni ddegenerat b'mod tali li l-konvenuta bdiet thoss li m'ghadhiex thoss imhabba ghall-attur, u s-sitwazzjoni waslet f'punt illi ddikjarat li riedet tinfired. F'dan il-punt, il-konvenuta baqghet xorta tghix fid-dar taz-zwieg, izda l-attur baqa' jinsisti li jkollu x'jaqsam maghha minkejja li marret torqod f'kamra ohra. Sostniet li kien hemm incident wkoll fejn refa' idejh fuqha, u darba anke waddbilha sikkina. Il-konvenut lejn l-ahhar tal-gbir tal-provi dan cahdu, fis-sens li qal li qatt ma kien vjolenti maghha. Is-sottoskritt pero' mhuwiex konvint li dak li qal il-konvenut huwa ghal kollox minnu. Mir-rapport tal-Pulizija esebit bhala Dok. MF 1, id-dokument tal-Appogg esebit bhala Dok. MF 4, u c-certifikat tat-Tabib Dr. Mary Vella esebit bhala Dok. MF 5, irrizulta li partikolarment fis-sena 2010 dak allegat dwar il-vjolenza mill-attur fuq il-konvenuta fil-fatt sehh. Is-sottoskritt ma rax sentenzi ta' qrati kriminali li sabu lill-attur hati tal-akkadut, izda dan ma jfissirx li dak indikat f'dak ir-rapport u certifikat ma jezistix. Dan apparti li hemm kwistjoni ta' kredibilita' da parti tal-attur meta f'waqtiet mix-xiehda tieghu fis-27 ta' Mejju 2019 jghid li l-partner taz-zfin tieghu hija I J, filwaqt illi f'seduta ohra fil-11 ta' Novembru 2019 qal li d-`dancing partner' li jkollu ma jkunx jaf x'jisimha. L-istess japplika ghal meta l-konvenut gie mistoqsi x'idahhal mill-bejgh tal-hut. Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2019 jghid:*

> *Minn hemm indahhal cicata, daqqa tletin Euro fil-gimgha, daqqa qlajt erbghin, u gieli qlajt anke inqas.*

*Fl-istess waqt pero' fl-istess seduta u xiehda l-attur jghid li lill-konvenuta kien itiha hamsin Euro meta kienet tmur tghinu. Dan gie konfermat anke mill-konvenuta li qalet li meta kienet tmur tghinu darbtejn fil-gimgha, kien itiha hamsin Euro kull darba. Jekk verament l-attur kien qed idahhal erbghin Euro jew inqas mill-bejgh tal-hut, u jaghti hamsin Euro lill-konvenuta, jaghti x'jifhem li kien qed jahdem bla qliegh, haga li s-sottoskritt ma jarax verosimili. Apparti dan, is-sottoskritt kellu l-opportunita' li jara r-ricevuti tax-xiri tal-hut esebiti mill-attur stess (Dok. CMX4), li minnhom jirrizulta illi fi zmien xahar u nofs matul l-2013, bejn l-ahhar ta' Lulju u nofs Settembru, l-attur kien xtara b'kemm jiswew ghaxart'elef u hamsin Euro (€10,050) f'hut. Maqsumin fuq dawk is-sitt gimghat, dawn jammontaw ghal elf, sitt mija u hamsa w sebghin Euro (€1,675) fil-gimgha bhala xiri ta' hut biss (u mhux inkluz il-profitt li kellu jaghmel l-attur). Dan ma jaqbel xejn mad-dikjarazzjoni tal-attur li kien jaqla' madwar erbghin Euro jew inqas kull darba li kien ibiegh il-hut.*

*Illi s-sottoskritt innota wkoll it-ton paternalistiku li bih l-attur jixhed. Ghal diversi drabi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2022, meta s-sottoskritt kellu l-opportunita' jisma lill-attur jixhed viva voce, b'referenza ghall-konvenuta, jghid:*

*Telqitli mid-dar.....*
*X'hin inqum ghall-hut jiena, kienet tkun ghadha ma dahlitlix din il-mara, ghax kienet torqodli ghand haddiehor.....*
*Tiggilidli mat-tfal....*
*Jien lill-mara dejjem tajtha l-paga taghha.....*

*Is-sottoskritt jaghmilha cara illi b'dan mhuwiex qed jaghti tort ghal kollox lill-attur ghall-ghemil tal-konvenuta, u jerga' jikkonferma li dak li indika l-attur dwar l-adulterju tal-konvenuta huwa fondat. Izda fl-istess hin ma jistax ma jinnotax kif minn kliemu l-attur kien xi kultant jitratta lill-konvenuta bhal li kieku kienet tifla ohra tieghu u mhux martu. Minn dan li ghadu kemm issemma, u minn dak li wriet il-konvenuta dwar l-attur, ghalhekk, lill-esponent jirrizultalu li l-attur ghandu karattru possessiv, mhux daqtant facli, u li xi kultant wasslu biex anke refa' idejh fuq il-konvenuta minflok irrikorra qabel ghall-proceduri legali li finalment fetah huwa stess kontra l-konvenuta.*

*Illi l-konvenuta fin-nota t.a' sottomissjonijiet taghha tallega li l-attur ghandu partner ghaz-zfin u li din tghix mieghu fid-dar konjugali. Tallega wkoll illi minhabba f'hekk illi r-relazzjoni bdiet sejra ghall-aghar. Mill-provi prodotti, lis-sottoskritt ma rrizultalux illi fiz-zmien li l-konvenuta kienet f'relazzjoni adultera waqt li kienet ghadha fid-dar konjugali, l-attur kien huwa wkoll f'relazzjoni adultera. L-allegat adulterju tal-attur ma rrizulta fl-ebda waqt. Ghalkemm kif diga' inghad kien hemm inkonsistenza min-naha tal-attur in kwantu filli ftakar x'jisimha din il-partner taz-zfin u filli ma ftakarx, is-sottoskritt jirrileva illi anke kieku din il-partner taz-zfin kienet jew ghadha, fi ftit kliem, anke partner tal-attur fil-hajja in generali, ma rrizultax lis-sottoskritt illi z-zwieg tkisser minhabba f'hekk.*

*Illi wara li ntqal is-suespost, is-sottoskritt huwa ghalhekk tal-fehma illi l-konvenuta bl-adulterju taghha hija principalment responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, izda l-attur ghandu huwa wkoll igorr ammont ta' responsabbilta' ghat-tifrik tal-istess ghall-mod kif tratta lill-konvenuta matul iz-zwieg, specjalment lejn l-ahhar snin taz-zwieg. Dan se jigi rifless ukoll fil-qasma tal-beni tal-kommunjoni kif proposta iktar 'il quddiem.*

*Illi s-sottoskritt jinnota wkoll illi l-attur talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni taħt l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u/jew ordni ta' trattament taħt l-artikolu 412D tal-istess Kodiċi. Is-sottoskritt ma jirrizultalux li jezistu l-estremi sabiex din it-talba tintlaqa'. Ma rrizulta l-ebda episodju ta' vjolenza domestika maghmula mill-konvenuta fuq l-attur.*

*Illi l-attur talab ukoll dikjarazzjoni li l-konvenuta hija responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg a bazi ta' Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawnhekk ukoll, ma rrizultax lill-esponent li kien hemm xi mohqrija, eccessi, theddid jew offizi gravi fil-konfront tal-attur.*

*Illi ghandu jinghad ukoll illi l-attur talab dikjarazzjoni illi l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali. Fiz-zmien li ressaq din il-kawza, l-attur, b'referenza ghall-konvenuta jghid illi:*

*'Tigi hemm imma tghix ma' haddiehor ghax lanqas qieghda tghix id-dar, tigi ghall-bzonnijiet taghha biss u terga' titlaq voldieri jiena ma nistax nghix maghha hekk hux'.*

*Ma jidhirx pero' illi sal-mument tal-kawza l-konvenuta kienet telqet ghal kollox mid-dar, u ghalhekk, ghalkemm jissussisti l-adulterju, ma jirrizultax l-abbandun. Il-konvenuta sussegwentement marret tghix band'ohra meta l-affarijiet kienu diga' ggravaw ghal kollox bejn il-partijiet; sakemm ir-relazzjoni kienet ghadha wahda instabbli, il-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali izda torqod f'kamra ohra. Ghalhekk ma jidhirx li hemm l-elementi tal-abbandun tad-dar konjugali min-naha tal-konvenuta.*

## 2. Qsim tal-Komunjoni U Ritorn tal-Beni Parafernali

*Illi mill-provi rrizulta li l-beni tal-komunjoni huma s-segwenti:*

1. *Kirja tal-appartament numru sitta (6), Triq Il-X, Bini tal-Gvern, Block C, Birkirkara li jinkera minghand l-Awtorita' tal-Artijiet.*
2. *Oggetti u ghamara li saru fid-dar konjugali, cioe' l-appartament appena msemmi.*
3. *Kirja ta' store 16, Block M, Triq il-X, Laqxija, Birkirkara li jinkera minghand l-Awtorita' tal-Artijiet.*
4. *Oggetti li jinsabu fl-istore appena msemmi.*
5. *Vettura Tata Telcoline Crew Cab bin-numru ta' registrazzjoni LCA 471. Dan gie indikat bhala scrapped.*
6. *Vettura Maruti 800 Hatchback bin-numru ta' registrazzjoni FBO 662.*
7. *Vettura DFM Cargo Van Truck bin-numru ta' registrazzjoni HBE 704.*
8. *Flus depozitati l-Qorti mill-banek.*
9. *Kontijiet bankarji ma' Mediterranean Bank u HSBC Bank (Malta) plc.*

*Illi s-sottoskritt jinnota wkoll illi l-konvenuta tallega illi l-konvenut kien gibed seba' u ghoxrin elf Euro (€27,000) minn kont savings li kien f'ismu izda jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt jirrizulta illi ngibdu sebat'elef Euro (€7,000) fis-16 ta' Settembru 2013 u ghoxrin elf Euro (€20,000) fis-17 ta' Settembru 2013 (vide statement a fol. 135 tal-process). Dan il-gbid il-konvenut ma cahadx li ghamlu.*

*Is-sottoskritt jirrileva wkoll illi kien hemm polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja ma' HSBC li ssarrfet[19]. Peress illi l-konvenuta hadet sehem mis-somma msarrfa, u dan lanqas cahditu, dwar din il-polza ta' assikurazzjoni u t-tisrif taghha s-sottoskritt mhu ha jikkumenta xejn iktar.*

*Illi kwantu ghall-kirja tal-appartament u tal-istore fuq imsemmija, is-sottoskritt huwa tal-fehma illi wara dak li inghad iktar `il fuq dwar ir-responsabbilta' tat-tifrik taz-zwieg, dawn ghandhom jigu assenjati esklussivament lill-attur, flimkien mal-oggetti, ghamara u accessorji ohra ghalihom u li hemm go fihom. Ghalkemm l-appartament u l-garage huma mikrija minghand il-Gvern, u ghalhekk mhux ta' propjeta' tal-partijiet, is-sottoskritt jirrileva illi l-assenjazzjoni ta' dawn iz-zewg kirjiet lill-attur ghandha sservi sabiex jigi accentwat l-irwol li l-konvenuta kellha fit-tifrik ta' dan iz-zwieg.*

*Illi s-sottoskritt huwa tal-fehma izda illi l-bqija ta' dak li hemm fil-komunjoni tal-akkwisti ghandu jigi maqsum bejn il-partijiet.*

*Fl-ewwel lok fil-fatt is-sottoskritt irid jaghmel referenza ghall-gbid ta' sebgha u ghoxrin elf Euro (€27,000) f'Settembru 2013 min-naha tal-attur minn kont bankarju li hemm fuq ismu, illi baqa' ma ta l-ebda spjegazzjoni ghala gibidhom. Il-konvenuta dawn haqqha tithallas nofshom, u ghalhekk l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma ta' tlettax-il elf u hames mitt Euro (€13,500).*

*Illi bl-istess mod il-flus li hemm fil-banek u kif ukoll dawk depozitati fil-Qorti ghandhom ukoll jinqasmu nofs bin-nofs. Dwar il-flus fil-kontijiet tal-bank, izda, s-sottoskritt jirrileva li ghandhom jinqasmu nofs b'nofs biss dawk il-kontijiet u ammonti li xehdu dwarhom ix-xiehda mill-banek rispettivi, u m'ghandux jinqasam ukoll il-bilanc li jidher fid-dokument prezentat mill-attur bhala Dok. CM 1 u li jirrigwarda l-kont mizmum mill-konvenuta mal-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 40012158706. Dan il-kont ghandu jinzamm interament mill-konvenuta.*

*Illi dwar il-vetturi (li llum jidher baqa' tnejn biss minnhom), dawn ma gewx valutati b'mod oggettiv waqt il-kawza. Ma tressqux provi ta' valutazzjonijiet tal-istess jew provi dwar ic-cirkostanzi ta' dawn il-vetturi bhall-mileage u fatturi determinanti ohra. L-attur ghamel access ghall-fatt li l-vettura Maruti 800 kellha xi hsarat, izda xejn iktar. Ghalhekk huwa difficli ghas-sottoskritt jistabbilixxi x'jiswew dawn il-vetturi sabiex ikunu jistghu jinqasmu. Ghalhekk, kwantu ghall-vetturi DFM u Maruti 800, is-sottoskritt jirrakkomanda illi dawn jinbieghu u r-rikavat minnhom jinqasam nofs bin-nofs.*

*Illi sabiex jigi assigurat il-hlas fuq imsemmi ta' tlettax-il elf u hames mitt Euro (€13,500) mill-attur lill-konvenuta, l-istess konvenuta ghandha tinghata l-jedd illi tizbanka interament wahidha u minghajr il-htiega tal-kunsens tal-attur kull*

---

[19] Fol. 443g u 443h

*somma li hemm depozitata taht l-awtorita' tal-Qorti[20], u dan billi nofs dawk id-depoziti jghaddu ghand il-konvenuta bhala sehmha bi dritt mill-komunjoni tal-akkwisti, u n-nofs l-iehor biex jissodisfaw il-hlas ta' tlettax-il elf u hames mitt Euro (€13,500) appena msemmi. Jekk id-depoziti ma jservux biex jigi sodisfatt tali hlas, l-attur jibqa' tenut ihallas il-bqija tas-somma minn flusu.*

*Illi f'dan il-punt is-sottoskritt josserva wkoll illi meta l-konvenuta kienet prezentat sekwestru li jindika li sehmha mill-komunjoni kien ta' disghin elf Euro (€90,000), dan il-kalkolu kien zbaljat, peress illi ladarba l-appartament u l-istore ma humiex propjeta' tal-partijiet, dan l-ammont kien esagerat. Dan il-punt tqajjem diversi drabi waqt il-gbir tax-xiehda quddiem l-esponent, izda l-esponent ma jista' joffri l-ebda rimedju ghal dan, u l-mezzi procedurali li jezistu trid tiskattahom il-parti involuta u mhux il-Qorti.*

***<u>3. Krediti tal-komunjoni</u>***

*Illi ma rrizultax li hemm xi krediti dovuti favur il-komunjoni.*

***<u>4. Propjeta' parafernali</u>***

*Illi ma jirrizultax li kien hemm xi propjeta' parafernali ta' xi hadd mill-partijiet f'dan il-kaz.*

***<u>5. Manteniment</u>***

*Illi in vista ta' dak konkluz iktar 'il fuq f'din ir-relazzjoni dwar ir-responsabbilita` tal-konvenuta ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, l-esponenti huwa tal-opinjoni li l-istess konvenuta iddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi manteniment minghand l-attur.*

*Illi l-attur min-naha tieghu jahdem u se jippercepixxi pensjoni. Fil-mument tal-kitba ta' din ir-relazzjoni ghandu sebgha u hamsin (57) sena, u ghalhekk jonqsu ammont ta' snin fil-hajja tax-xoghol tieghu. Ma gew prezentati l-ebda ragunijiet ghalfejn l-attur ghandu b'xi mod jieqaf mix-xoghol, u dan kemm ghax-xoghol regolari tieghu kif ukoll ghal dak part-time. F'dan is-sens ghalhekk, lanqas l-attur ma ghandu jircievi l-ebda manteniment minghand il-konvenuta.*

*Illi jkun opportun li jigi ddikjarat ukoll illi kwalsiasi beneficcji socjali percepibbli minn xi hadd mill-partjiet ghandhom ikunu esklussivament ta' dik il-parti li tippercepihom.*

***KONKLUZJONI***

---

[20] Inkluzi c-cedoli ta' depozitu numri 1320/2013, 1329/2013, 1555/2013 u 37/2014

*Illi ghalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi dina l-Onorabbli Qorti:-*

*Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli liz-zewg partijiet izda principalment lill-konvenuta;*

*Tilqa' t-tieni talba attrici;*

*Tichad it-tielet talba;*

*Tichad ir-raba' talba;*

*Tichad il-hames talba;*

*Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba stante li gie pruvat li l-konvenuta ma baqghetx tghammar fid-dar konjugali;*

*Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba stante li l-konvenuta ma talbitx manteniment pendente lite;*

*Kwantu ghat-tmin talba, tipprovdi s-segwenti:*
*Tilqa' dik il-parti tat-talba li tirrigwarda l-Artikolu 48(1)(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Tichad dik il-parti tat-talba li tirrigwarda Artikolu 48 sub-artikolu wiehed (1), sub-inciz 'b' li ghalih issir referenza f'Artikolu 48 sub-artikolu tnejn (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ma kienx hemm prova ta' xi donazzjoni minn dawk hemm imsemmija;*
*Tilqa' limitatament dik il-parti tat-talba li tirrigwarda Artikolu 48 sub-artikolu wiehed (1), sub-inciz tlieta 'ċ', li ghalih issir referenza f'Artikolu 48 sub-artikolu tnejn (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan safejn hu kompatibbli ma' dak provdut fit-tieni taqsima ta' din ir-relazzjoni, u tahtar Nutar sabiex jippubblika l-att relattiv u kuratur sabiex jidher f'kaz li xi hadd mill-partijiet ikun kontumaci;*

*Kwantu ghad-disa' talba;*
*Tichad it-talba in kwantu qed jintalab li dina l-Onorabbli Qorti tapplika Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Tilqa' limitatament it-talba ghall-applikabiliita' ta' Artikolu 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan safejn kompatibbli mat-tieni taqsima ta' din ir-relazzjoni;*
*Tilqa' wkoll limitatament it-talba ghall-applikabilita' ta' Artikolu 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan safejn kompatibbli mat-tieni taqsima ta' din ir-relazzjoni;*

*Tilqa' l-ghaxar talba u dan safejn kompatibli mal-hames taqsima ta' din ir-relazzjoni.*

*Tilqa' l-hdax-il talba fis-sens illi tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tnax–il talba ghall-hatra ta' persuni biex jirraprezentaw lill-konvenuta fil-kontumacja taghha fil-kawza stante li dan ma kienx il-kaz, u tilqa' izda dik il-parti tal-istess talba in kwantu tahtar kuratur sabiex jidher f'kaz li xi hadd mill-partijiet ikun kontumaci, u dan kif ukoll provvdut fil-parti tad-decide dwar it-tmin talba, aktar 'il fuq;*

*Tilqa' limitatament it-tlettax-il talba kif provvdut fit-tieni taqsima ta' din ir-relazzjoni;*

*Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-erbatax-il talba stante li ma saret ebda talba ghall-hatra ta' tali esperti u periti matul il-kawza;*

*Tilqa' l-hmisax-il talba;*

*Tilqa' s-sittax–il talba;*

*Tilqa' limitatament is-sbatax-il talba, u dan ghar-ragunijiet indikati fl-ewwel taqsima, u tordna li l-ispejjez u drittijiet ta' din il-kawza ghandhom jithallsu kwantu ghal erba' partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenuta u parti wahda minn hamsa (1/5) mill-attur.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti hija tal-fehma li l-Perit Legali ħa konsiderazzjoni profonda tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawza. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-każ.

**L-azzjoni odjerna**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob illi l-Qorti tiddikjara lill-konvenuta ħatja għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan minħabba li bdiet tgħix ħajja adultera u mmorali u abbandunat id-dar matrimonjali u minħabba li ż-żwieġ tkisser a bażi ta' Artikolu 40 tal-Kap 16 u dan minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi *da parti* tagħha, tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16, ixxolji, tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti, tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali u tipprojbixxi lill-konvenuta milli tuża kunjomu ossia *B* u tirriverti għal kunjom xbubitha *D*.

Filwaqt li l-konvenuta ippreżentat risposta ġuramentata abbażi ta' liema taqbel ma' uħud mit-talbiet tal-attur, iżda topponi għall-oħrajn fosthom li

ż-żwieġ tkisser għal tortijiet imputabbli lilha, kif espost fil-bidu ta' din is-sentenza, il-konvenuta ma ppreżentatx kontro-talba.

Għaldaqstant, gjaladarba jirriżulta mill-atti li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser u m'hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-provi prodotti biex tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li jidher ċar li hemm diżgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' lil min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ, u dan kif jirriżulta ben ċar abbażi tal-provi mressqa.

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex terġa' tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, u dan *in vista* tal-fatt illi dan diġà jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intjer tiegħu. In sintesti l-attur jilmenta li l-konvenuta hija unikament responsabbli għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ u dan minhabba (i)adulterju (ii) eċċessi, (iii) moħqrija (iv) theddid jew offiżi gravi u (v) abbandun tad-doveri matrimonjali u tad-dar matrimonjali kommessi mill-konvenuta fil-konfront tal-attur. Minn naħa l-oħra l-konvenuta tilmenta li ż-żwieġ tkisser b'tort tal-attur minħabba (i)l-karattru dominanti tal-attur, (ii) il-fatt li għandu ħbiberiji ma' terzi u (iii) aggressjoni u moħqrija minn naħa tiegħu fuqha.

Il-Qorti sejra issa tikkonċentra fuq il-konklużjonijiet tal-perit legali u li jistgħu jiġu kategorizzati fis-segwenti:

i) Responsabbilta` għat-tifrik taż-żwieġ;
ii) l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 fil-konfront tal-attur u l-konvenuta;
iii) It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:
iv) Kunjom xbubit il-konvenuta.

**i) Responsabbilta` għat-tifrik taż-żwieġ;**

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-ilment prinċipali tal-attur fuq il-konklużjoni tal-Perit Legali li alloka l-ispejjeż u drittijiet tal-kawża in kwantu għal erba' partijiet minn ħamsa (4/5) jitħallsu mill-konvenuta u parti waħda minn ħamsa mill-attur meta huwa jisħaq illi t-tort tat-tifrik taż-żwieġ hija l-konvenuta u għalhekk huwa m'għandu jbati l-ebda spejjeż la tal-kawża, la tar-rapport peritali u lanqas tal-mandat ta' sekwestru li għamlitlu l-konvenuta (*221/13AE akkordat fit-23 ta' Settembru 2013*).

Abbażi tal-provi mressqa l-Perit Legali jikkonkludi illi "*l-konvenuta bl-adulterju taghha hija principalment responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, izda l-attur ghandu wkoll igorr ammont ta' responsabbilita ghat-tifrik tal-istess ghall-mod kif tratta lill-konvenuta matul iz-zwieg, specjalemnt lejn l-ahhar snin taz-zwieg"* u għalhekk dawna t-tortijiet ġew riflessi fil-qasma tal-beni u l-allokazzjoni tal-ispejjeż kif imsemmija iktar il-fuq.

Din il-Qorti eżaminat hi wkoll il-provi mressqa, u taqbel mal-allokazzjoni tat-tortijiet a bażi ta' dak li ġie espost u spjegat mill-abbli Perit Legali, iżda ma taqbilx illi l-adulterju minn naħa tal-attriċi ġie ampjament pruvat. Dwar l-adulterju, l-Artikolu 38 tal-Kap 16 jgħid li

*"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*

Fil-kawża **Rita Schembri vs Dott. Albert Grech *et noe***[21] jingħad li: *"Stante diffikulta tal-prova ta' adulterju, dan jista jigi ppruvat permezz ta' indizzji u presunzjonijiet purche ikunu gravi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubbju f'min ghandu jiggudika."* Illi dan il-ħsieb kien gie konfermat ukoll f'sentenzi oħra. **Brincat utrinque** deċiża fil-31 ta' Marzu 1955, **Nine Anne Edwards vs Avukat Dr N A Xuereb *noe*** PA 22 ta' Frar 1961 u **Anthony Bonnici vs Rose Bonnici** A.V. 7 ta' April 1978. Illi fil-kawża Nine Anne Edwards vs Avukat Dr N A Xuereb *noe* din il-Qorti qalet li: "*Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, bizzejjed **il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt**."*

[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April 1953.

Il-Qorti ma tħossx li bix-xhieda ta' wlied il-partijiet u x-xhieda tal-attur ġie ppruvat b'indizji gravi u preċiżi adulterju minn naħa tal-konvenuta. Illi l-konvenuta kienet qed titlaq 'l barra u tgħix ħajja li ma kinitx xierqa għal mara miżżewwġa u b'hekk kienet qed tonqos minn dmirijietha fiż-żwieġ ġie ppruvat kjarament u l-Qorti tħoss li dan lanqas ġie miċħud mill-konvenuta, però b'dan wieħed ma jistax jaqbad jikkonkludi li allura kellha relazzjoni adultera.

Mix-xhieda ħareġ illi kienet bdiet tilbes qasir u mhux addatat għal mara tal-età tagħha u li kienet toħroġ f'ħinijiet meta suppost qiegħda mal-familja d-dar u meta tkun id-dar tqatta' ħafna ħin fuq l-*internet* tkellem nies oħra. It-tifla E fl-affidavit tagħha tgħid "*Ġieli qabadha missieri titkellem ma' xi nies jew tibghat bil-laptop*."[22] Kif jgħid l-attur huwa ma kienx jaf jaqra u għalhekk ma jistax jgħid x'kien qed jintqal f'dawn ic-chats jew ma' min kienet qed titkellem il-konvenuta u fil-fatt it-tifla ssemmi li missierha semma 'nies'. Tgħid ukoll li l-omm għajjret lill-missier li kienet qed taqlibilu u li ftit tal-ġranet wara ċaħdet li qalet dan.

Jiġu preżentati wkoll messaġġi[23] mill-mobile tal-konvenuta li skont l-attur u wliedu juru li kien hemm relazzjoni adultera. Madanakollu l-messaġġi huma ġeneriċi u jista' jkun li qed jintbagħtu bejn ħbieb. Dan wassal biex ir-raġel u t-tfal, mingħajr ma raw qatt xejn f'dan is-sens (ħlief meta jintqal illi rawha mitfugħa fuq raġel u ma jinġiebux provi f'das-sens u l-konvenuta tgħid li kien biss fl-2017 wara li kien tkisser iż-żwieġ) jikkonkludu illi hija kienet qed taqlibha lill-attur ma rġiel oħra u la jissemma ħadd minn dawn l-irġiel partikolari u lanqas tinġieb xi prova ta' dan. Il-messaġġi fil-fatt li jiġu preżentati huma tali li juru ħbiberija ma' min qed jintbagħtu imma bl-ebda mod ma wieħed jista' jikkonkludi li kien hemm xi tip ta' relazzjoni għaddejja. L-omm bdiet toħroġ weħedha, iddum barra etc. imma setgħet kienet qed tagħmel hekk mal-ħbieb u wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni ta' adulterju minn indizji ta' dan it-tip biss.

Lanqas ma wieħed jista' jgħid li kien hemm relazzjoni adultera għaliex kienet tibgħat il-flus barra minn Malta. Ma ntwerwew l-ebda messaġġi u

[22] Fol. 651.
[23] Fol. 566.

ma ssemma l-ebda ħadd partikolari biex il-Qorti tista' tkun konvinta li teżisti relazzjoni barra ż-żwieġ. La ġew preżentati ritratti, la ttellgħu l-ebda xhieda li setgħu raw lill-konvenuta f'relazzjoni ma' ħaddieħor, la ġew preżentati diskursati li juru li hemm relazzjoni bejn il-konvenuta u xi ħadd partikolari. Għalkemm l-attur jgħid li anke kienet iċċempel lill-irġiel quddiemu u tibgħatilhom il-messaġġi, dawn jidhru statements ġeneriċi u mingħajr provi l-Qorti ma tistax b'konvinċiment tikkonkludi li rriżulta adulterju.

Dak mitqal madanakollu, il-Qorti tħoss li dan l-aġir wassal għal inġurji gravi minn naħa tal-konvenuta li abbandunat il-familja bl-aġir tagħha u saħansitra nsiet in-neputijiet tagħha stess daqs kemm intilfet tgħix il-ħajja li riedet tgħix. Il-Qorti hawn tħoss li x-xhieda ta' ulied il-partijiet tinħass kredibbli fis-sens illi l-Qorti tħoss l-uġieħ tal-ulied li jħossu li kienu tant familja magħqudha u li l-omm biddlitilhom ħajjithom. Jixhdu wkoll kemm il-missier ħass in-nuqqas ta' martu u beda jmur għandhom qisu nagħġha mitlufa mingħajr martu. Tant ħassew il-bidla fiha li kienu wkoll inkwetati x'ħa jgħidu n-nies fuq missierhom meta jaraw lil din il-mara tinbidel b'dan il-mod. Għalkemm il-Qorti taqbel illi r-raġel għandu jerfa' r-responsabbilità ta' għemilu wkoll li seta' wassal għal ċerta diverġenza bejn il-partijiet fiż-żwieġ, madanakollu l-aġir tal-konvenuta żgur sammar il-musmar biex dan iż-żwieġ tkisser u b'xejn ma għenet illi s-sitwazzjoni b'xi mod titjieb bl-aġir tagħha.

Illi fil-kawża **A Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[24] gie ritenut li l-eċċessi u inġurji gravi jridu jkunu tali li "*joffendu l-persuna li kontra tagħha huma diretti b'mod li jiġġeneraw fiha dulur, eżasberazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjuġi li jkun ħati tagħhom.*" L-aġir tal-konvenuta fejn qalet li żżewwġet żgħira b'ton ta' rimors u li issa trid tgawdi, fejn bdiet tilbes b'mod mhux addattat għaliha u tiffrekwenta ċertu postijiet weħedha u tabbanduna lill-attur, jammontaw għal u inġurja gravi.

Minn naħa l-oħra l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali f'dak li huwa l-imġieba tal-attur. Fil-fatt, fin-nota responsiva tal-konvenuta hi tgħid li l-karattru tal-attur apparti li kien vjolenti kien dominanti. Dan fil-fatt joħroġ biċ-ċar anke mill-mod kif jixhed l-attur u għalhekk anke

[24] Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Gunju 1961.

mingħajr ma hu konxju l-attur jitkellem b'mod li jidher li ma kienx iqis lil martu bħala s-sieħba tiegħu iżda kif qal tajjeb il-Perit Legali iktar kien jaraha "*bhal li kieku kienet tifla ohra tieghu u mhux martu*"[25] Fit-ton tiegħu jidher possessiv u li jrid li martu tagħmel kif jgħid hu u fil-fatt hi tixhed illi għalkemm kienet tħobbu kien jiksirha quddiem in-nies għalkemm kienet tmur taħdem miegħu u ġieli anke refa' jdejh fuqha.

Fil-fatt jiġu preżentati rapporti li saru fl-2010[26] u għalhekk snin qabel ma ġew intavolati l-proċeduri u meta l-partijiet kienu għadhom flimkien sew, fejn il-konvenuta tirrapporta li kienet ġiet aggredita minn żewġha l-attur.

Kif jikkonkludi l-Perit Legali "*Izda fl-istess hin ma jistax ma jinnutax kif minn kliemu l-attur kien xi kultant jitratta lill-konvenuta bhal li kieku kienet tifla ohra tieghu u mhux martu. Minn dan li ghadu kemm issemma, u minn dak li wriet il-konvenuta dwar l-attur, ghalhekk lill-esponent jirrizultalu li l-attur ghandu karattru possessive, mhux daqstant facli, u li kultant wasslu biex anke refa' idejh fuq il-konvenuta minflok irrikorra qabel ghall-proceduri legali li finalment fetah huwa stess kontra l-konvenuta*."[27]

Il-Qorti tħoss għalhekk li jirriżulta dak li tallega l-konvenuta dwar tortijiet min-naħa tal-attur fejn kien hemm drabi fejn irriżultat aggressjoni u dominanza minn naħa tiegħu li għalihom għandu jpatti parti mit-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ.

Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li ma ġiex ippruvat adulterju minnaħa tal-attur waqt li l-konvenuta kienet għadha fid-dar matrimonjali u ma tħossx li xi ħbieberija li kellu l-attur wasslet għat-tifrik taż-żwieġ.

L-attur jitlob ukoll dikjarazzjoni li l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali.

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, l-Artiklu 41 tal-Kap 16 jistipula illi kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk għal sentjen jew iżjed, tkun abbandunata mill-

[25] Fol. 799.
[26] Rapport mal-pulizija a fol. 642, ittra mill-Aġenzija Appoġġ a fol. 649. u ċertifikat mediku a fol. 650.
[27] Fol. 799.

oħra, mingħajr raġuni tajba. Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u *cioé* l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba. Fil-kawza **Andrea Avellino vs Regina Avellino**[28], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli."*

L-abbandun hawn kien riżultat tal-firda u mhux kawża tagħha u għalhekk ma jirriżultax skont il-liġi.

Għaldaqstant il-Qorti, minkejja li ma tikkonkludix li ġie ppruvat adulterju minn naħa tal-konvenuta, hija konvinta però li minn naħa tagħha rriżultaw inġurji gravi li wasslu għat-tifrik taż-żwieġ. Madanakollu l-attur ukoll kellu t-tortijiet tiegħu li l-Qorti tħoss li ġew ippruvati u l-Qorti taqbel mal-mod kif qassam it-tort il-Perit Legali.

**ii) l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 fil-konfront tal-attur u l-konvenuta;**

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16.

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

[28] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is- 16 ta' Diċembru 1949.

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

Minn naħa l-oħra:

*51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.*

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Fil-każ odjern, il-konvenuta hija ħatja ta' inġurji gravi u għaldaqstant il-Qorti għandha diskrezzjoni li tilqa' t-talba tal-attur f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tal-konvenuta s-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 tal-Kap 16.

Il-Qorti tħoss li in linea ma' dak provdut fir-rapport tal-Perit Legali u fid-dawl tal-fatt li l-Qorti sabet lill-konvenuta ħatja prinċipalment għat-tkissir taż-żwieġ, għandha tapplika fil-konfront tal-konvenuta dak provdut fl-Artikolu 48 (1) (d). Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tagħha li tipperċepixxi manteniment mingħand l-attur. Il-konvenuta tixhed hi stess li meta telqet mid-dar sabet saqajha u bdiet taħdem, tirċievi r-relief u s-sussidju tal-kera.

L-assi tal-komunjoni mbagħad ser jinqasmu kif ġej.

iii) **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar il-24 ta' Marzu 1984, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti qiegħda permezz ta' din is-sentenza xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

Kif jelenka ben tajjeb il-Perit Legali l-assi li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. *Kirja tal-appartament numru sitta (6), Triq Il-Weghdiet, Bini tal-Gvern, Block C, Birkirkara li jinkera minghand l-Awtorita' tal-Artijiet.*
2. *Oggetti u ghamara li saru fid-dar konjugali, cioe' l-appartament appena msemmi.*
3. *Kirja ta' store 16, Block M, Triq il-Weghdiet, Laqxija, Birkirkara li jinkera minghand l-Awtorita' tal-Artijiet.*
4. *Oggetti li jinsabu fl-istore appena msemmi.*
5. *Vettura Tata Telcoline Crew Cab bin-numru ta' registrazzjoni LCA 471. Dan gie indikat bhala scrapped.*
6. *Vettura Maruti 800 Hatchback bin-numru ta' registrazzjoni FBO 662.*
7. *Vettura DFM Cargo Van Truck bin-numru ta' registrazzjoni HBE 704.*
8. *Flus depozitati l-Qorti mill-banek.*
9. *Kontijiet bankarji ma' Mediterranean Bank u HSBC Bank (Malta) plc.*

Il-Qorti taqbel mal-pjan ta' qasma li kkonkluda l-Perit Legali fit-taqsima bit-titlu ***2. Qsim tal-Komunjoni U Ritorn tal-Beni Parafernali*** u taddottah fl-intjer tiegħu salv għas-segwenti:

Rigward iż-żewġ vetturi tal-partijiet (it-tielet vettura jirriżulta li ġiet scappjata) kif jingħad mill-Perit Legali, dawn ma ġewx valutati madanakollu l-Qorti tifhem minn dak li ntqal illi l-valur tagħhom huwa minimu. Il-partijiet iżda qed jinqdew b'dawn il-vetturi u għalhekk tħoss illi ma għandhomx jinbiegħu kif jipproponi l-Perit Legali iżda jibqgħu

jintużaw mill-partijiet għaliex bil-valur tagħhom żgur mhux ser jixtru vetturi oħra. Għalhekk il-Qorti qed tassenja il-vettura *Maruti 800 Hatchback* bin-numru ta' reġistrazzjoni FBO 662 lill-konvenuta u l-vettura *DFM Cargo Van Truck* bin-numru ta' reġistrazzjoni HBE 704 lill-attur.

Dwar il-mobbli ta' ġod-dar matrimonjali, l-partijiet qatt ma preżentaw lista u valuri rispettivi ta' dawn il-mobbli jew il-pretensjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward. L-attur jixhed illi "*Id-dar fejn nghix, hi qatt ma talbitni xejn mill-ghamara. Fil-bidu kienet tiehu dak li kien hemm. Hadithom. Television haditu, tal-hjata haditha, hadet xi affarijiet ohra, barra li haditli l-flus, li terga' kienu tan-nies, tax-xiri li nixtri, u mbaghad kont intihomlhom f'daqqa."* [29] Il-Qorti iżda hija sprovvista minn provi ċari u sodisfaċjenti fuq il-pretensjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward u għalhekk il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li l-mobbli rimanenti fid-dar matrimonjali jiġu assenjati lill-attur u jekk il-konvenuta ħadet xi oġġetti mid-dar dawn jiġu assenjati lilha.

Il-konvenuta ssemmi wkoll lista ta' xogħolijiet li saru fid-dar matrimonjali u tgħid *"Fid-dar ghamilna l-aluminium, spare toilet, kamra tal-banju, kamra tas-sodda matrimonjali, kamra tat-tifel u kamra tal-bniet. Qed nirreferi ghall-ghamara li kienet gdida, bdilna l-madum ta' kullimkien. Il-kcina ghamilniha minn kamra zghira u ghamilniha ta' l-oak. Dawl u ilma qlajna l-art kollha biex nghaddu l-kanuni u l-kanen...L-ghamara tal-kamra tat-tifel xtrajtha jien..."*[30] Anke hawn il-Qorti ma għandhiex provi ċari b'valuri u żmenijiet meta saru, jekk verament saru dawn ix-xogħolijiet u għalhekk u anke fid-dawl tal-fatt li ż-żewġ partijiet gawdew billi għixu l-ħajja tagħhom matrimonjali f'din id-dar għal fuq minn għoxrin sena. U għalhekk il-Qorti ma hix ser tassenja krediti f'dan ir-rigward.

Dwar il-bqija tal-komunjoni l-Qorti taddotta l-assenjazzjoni tal-Perit Legali.

Il-Qorti tadotta wkoll it-taqsimiet ***3. Krediti tal-komunjoni, 4. Propjeta' parafernali*** u ***5. Manteniment***

[29] Xhieda tal-attur a fol. 727.
[30] Xhieda tal-konvenuta a fol. 685.

**iv) Kunjom Xbubit il-Konvenuta**

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenuta sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u *ċioé* "*D*" u tkun projbita milli tibqa' tuża kunjomu *ossia* "*B*". Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(3) tal-Kap 16 anke għaliex minn naħa tal-konvenuta ma ġiet imressqa l-ebda oġġezzjoni dwar dan u *stante* li l-attur u wliedu jħossu illi l-konvenuta ġabet għajb kbir lill-familja bl-aġir tagħha u jirriżulta li l-attur ġie affetwat minn dak li bdiet tagħmel il-konvenuta anke quddiem is-soċjetà u għalhekk sofra preġudizzju f'dak is-sens.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta sa fejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi *stante* li ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irremidjabilment iżda dan bi ħtija prinċipalment tal-konvenuta u dan minħabba inġurji gravi minn naħa tagħha iżda wkoll minħabba tortijiet attribwibbli lill-attur;

2. Tiċħad it-tieni talba attriċi *stante* li ma jirriżultax adulterju minn naħa tal-konvenuta iżda inġurji gravi fil-konfront tal-attur;

3. Tiċħad it-tielet talba *stante* li ma jirriżultawx l-estremi fil-liġi biex tiġi mposta ordni ta' protezzjoni jew trattament;

4. Tilqa' r-raba' talba limitatament għall-parti li tgħid li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba tortijiet parzjalment tal-konvenuta;

5. Tiċħad il-ħames talba *stante* ma rriżultax abbandun fis-sens li trid il-liġi;

6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba *stante* li tul il-kawza l-konvenuta ma baqgħetx tirrisjedi fid-dar matrimonjali;

7. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba stante li l-konvenuta ma talbitx manteniment *pendente lite*;

8. Tilqa' t-tmien talba limitatament għall-Artikolu 48(1)(a) tal-Kap 16 u 48(1)(d), tiċħad dik il-parti tat-talba li tirrigwarda Artikolu 48 sub-artikolu wieħed (1), sub-inċiż 'b' li għalih issir referenza f'Artikolu 48 sub-artikolu tnejn (2) tal-Kap 16, in kwantu ma kienx hemm prova ta' xi donazzjoni minn dawk hemm imsemmija, tilqa' limitatament dik il-parti tat-talba li tirrigwarda Artikolu 48 sub-artikolu wieħed (1), sub-inċiż tlieta 'ċ', li għalih issir referenza f'Artikolu 48 sub-artikolu tnejn (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan safejn hu kompatibbli ma' dak provdut fit-taqsima *iii) It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali* ta' din is-sentenza;

9. Kwantu għad-disa' talba tilqa' t-talba in kwantu dan hu kompatibbli mat-taqsima *ii) l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 fil-Konfront tal-Attur u l-Konvenuta* u dak provdut fit-taqsima *iii) It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali* ta' din is-sentenza;

10. Tilqa' l-għaxar talba u dan safejn kompatibbli mat-taqsima tal-Manteniment fit-taqsima *iii) It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali*;

11. Tilqa' l-ħdax-il talba fis-sens illi tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u tordna l-assenjazzjoni skont it-taqsima *iii) It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali*;

12. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tnax–il talba u dan għaliex ma jirriżżultax il-bżonn ta' ħatriet f'dan is-sens f'dan il-każ;

13. Tilqa' limitatament it-tlettax-il talba kif provdut fit-taqsima *iii) It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali* ta' din is-sentenza*;*

14. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-erbatax-il talba *stante* li ma saret ebda talba għall-ħatra ta' tali esperti u periti matul il-kawża;

*15.* Tilqa' l-ħmistax-il talba skont it-taqsma *iv) Kunjom Xbubit il-Konvenuta* ta' din is-sentenza;

16. Tilqa' s-sittax–il talba;

*17.* Tilqa' limitatament is-sbatax-il talba, u dan għar-raġunijiet indikati fit-taqsima *i) Responsabbilta` Għat-tifrik taż-żwieġ* u tordna li l-ispejjeż u drittijiet ta' din il-kawża għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Tiċħad it-talba sa fejn l-attur jitlob il-ħlas ta' spejjeż extra-ġudizzjarji.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur